**13 ta' Jannar, 1964**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. T. Gouder, LL.D.**

**Onor. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

**— Dritt tal Boll — Art. II Kap. 68.**

Nutar Dott.
Carmelo Giuseppe Vella, LL.D.,

*versus*

Onor. Prof. Dott.
John J. Cremona, B.A., LL.D.,
B.Litt. (Rome), B.A., Hons.
(Lond.) Ph.C. (Lond.), F.R.Hist.S.

*Il varji disposizzjonijiet jew atti iridu ikunu għall-intrinsecka natura tagħhom dipendenti waħda mill-oħra sabiex tiġi eskluża l-molteplicita' ta' bolli.*

*Din id-dipendenza trid tkun radikali fl'indoli ta' l-istess atti jew disposizzjoniet u mhux kreata mil-intenzjonijiet tal-partijiet, sabiex ikollha evett skond il-liġi fiskali.*

L-Qorti:— Rat ir-rikors tan-Nutar Dottor Carmelo Giuseppe Vella tal-ħdax (11) ta' Novembru, 1963, li biħ talab li tiġi revokata s-sentenza mogħtija mil-Qorti Kolleġjali tar-Revizzjoni Notarili tat-tnax (12) ta' Ottubru, 1963, li kkundannatu lira sterlina (£1) penali billi f'kuntratt ta' vendita minnu riċevut li kien iġib in-numru 145 tat-tieni sitt xhur tas-sena 1961 ta' fond bil-prezz ta' elf, disgħa mija u ħamsin lira (£1950) illi kwantu għall-disgħa mija u ħamsin lira (£950) ġie mħallas b'assenjazzjoni akkont ta' żewġ karozzi bil-valur hawn fuq, l-aħħar imsemmi, naqas illi jimbolla żewġ trasferimenti li dika l-istess Qorti kkunsidrat bħala separati u destinti.

Rat is-sentenza tal-Qorti Kolleġjali tar-Revizzjoni tal-atti notarili tat-tnax (12) ta' Ottubru, 1963, minn fejn jidher li fuq id-digriet tal-Magistrat Reviżur tas-sitta u għoxrin (26) ta' April, 1963 relativ għall-viżta tal-atti li rċeva in-Nutar fuq imsemmi ma tur it-tieni sitt xhur tas-sena 1961, li bih ġie rimess quddiem dika l-Qorti Kolleġjali talli naqas li jimbolla suffiċjentement l-att numru 145 paġina 675 billi kontra l-art. 57 (1) u (3) tal-Kap. 68 naqas li jħallas il-boll "ad valorem" ammontanti għall-sebgħa liri u tnax-il-xelin (£7. 12s. 0d.) fuq it-trasferiment tal-karrozza "opel" numru 19190, assenjata bil-valur ta' disgħa mija u ħamsin lira (£950) akkont ta' somma akbar, prezz ta' fond trasferit fuq l-att; peress illi l-kuntratt in kwistjoni kien jikkontieni vendita ta' fond bil-prezz ta' elf disgħa mija u ħamsin lira (£1950) u assenjazzjoni ta' zewg karrozzi akkont tal-prezz għall-ammont ta' disgħa mija u ħamsin lira (£950), u kwindi kien hemm fih żewġ trasferimenti u dwaru ma jistax jiġu applikati l-prinċipju tal-permuta fejn huwa użu illi jiġi bollat biss it-trasferiment tal-iktar valur, anki għaliex kieku l-kuntratt ha forma ta' permuta għandu dejjem jiġi kwalifikat bħala vendita billi s-suppliment f'flus kien ikun ikbar mill-oġġett assegnat in kontrakkambju tal-fond għal-liema raġuni n-Nutar fuq imsemmi ġie misjub li kiser il-liġi (art. 57 (1) u (3) Kap. 68) u konsegwentement ġie kundannat għall-penali ta' lira sterlina.

Rat il-kopja tal-kuntratt li dwar il-kontenut tiegħu in riferenza għall-liġi tal-boll hemm kwistjoni.

Trattat l-appell:

Ikkunsidrat:—

Illi fl-art. II tal-Kap 68 hemm maħsub li:— "Saving

any other provision of the law to the contrary, if an instrument contains or relates to several distinct matters, it shall be separately and distinctly charged, as if it were a separate instrument, in respect of such matters." Dana l-artikolu huwa sostanzjalment ugwali għall-art. 4(a) ta' li Stamp Laws 1891 kif emendata tal-Ingħilterra: anki l-liġi tar-Reġistru Taljana għandu l-art. 7 li jixbaħ sostanzjalment il-liġi tagħna kif jista jidher aħjar anki mittest Malti tad-disposizzjoni tagħna.

Illi l-ebda liġi sew ċivili sew tributarja ma tipprojbixxi jew tivvieta kumulu ta' konvenzzjonijiet u meta l-att (instrumenturu) ikun jekkontieni rapporti gjuridiċi destinti u separati li kull wieħed minnhom hu separatament taxxabili bil-boll skond il-liġi l-istess huma suġġetti għar-rispettiva taxxa tal-boll bħal ma kienu jkunu suġġetti għattaxxa tal-boll kieku kollhom isiru permezz ta' att separat.

Hekk pereżempju meta jsir kuntratt ta' bejgħ ta' immobbili li fih il-komprattur flok ma jħallas il-prezz bħala korrispettiv jċedi in pagament totali jew parzjali lill-vendittur azzjoni kreditorja, daka l-att (instrumenturu) ikun jikkontieni żewġ rapporti ġjuridiċi (id quod actum est), żewġ konvenzzjonijiet fis-sens tal-liġi u cioe vendita minn naħa waħda u ċessjoni ta' azzjoni kreditorja min-naħa l-oħra u di konsegwenza, nonostanti l-uniċita tal-att l-istess żewġ rapporti huma soġġetti għall-molteplicita tal-boll.

Illi l-atti (fatti ġjuridiċi sottoposti għat-taxxa tal-boll) iridu jkunu tali li għan-natura tagħhom ikunu jistgħu jiffurmaw oġġett ta' atti separati u ċioe fatti ġjuridiċi li jkunu jikkostitwixxu impegn jew rapporti ta' dritt indipendenti nonstanti li jiġu stipulati f'kuntratt jew att wieħed. "A contrario" meta dawn l-atti jew disposizzjoni (ċioe fatti ġuridiċi) huma neċessarjament konnessi u deri-

vanti min-natura intrinsika tagħhom ma xulxin allura għandhom, għall-finijiet tat-taxxa tar-reġistru, jiġu kkunsidrati bħala li jikkomprendu d-disposizzjoni li tgħati lok għat-taxxa tal-boll, l-aktar gravi kif, esemplifikativament, jiġri fil-kuntratt ta' bejgħ fejn l-obbligazzjoni "di dare la cosa" timplika neċessarjament l-obbligazzjoni intrinsikament naturali tal-ħlas tal-prezz l-għaliex il-prezz huwa li l-konsegwenza naturali tal-vendita salvo s'intendi wkoll il-boll għall-kwitanza tal-passaġġ tal-flus jew prezz.

Illi mhux ozjus li jingħad sabiex ma jkunx hemm ekwivoċi li meta jingħad li l-varji disposizzjonijiet jew atti jridu jkunu għall-intrinsika natura tagħhom dipendenti waħda mill-oħra sabiex tiġi eskluża l-molteplicità ta' bolli, dina l-Qorti, fuq l-iskorta tal-Awtoritajiet in materia trid tfisser li dika d-dipendenza trid tkun radikata fl-indoli tal-istess atti jew disposizzjonijiet u mhux kreati mill-intenzzjoni tal-partijiet sabiex ikollha effett skond il-liġi fiskali in parola.

Ikkunsidrat:

Illi stabiliti dawna l-prinċipji legali dina l-Qorti sejra tgħaddi sabiex teżamina l-kwistjoni odjerna in konkreto.

Illi l-att pubblikat min-Nutar appellanti fil-ħamsa (5) ta' Ottubru, 1961 bejn Lorenzo Zammit u Michael Micallef — vendituri — min-naħa l-waħda u Carmelo u Joseph aħwa Hili — kompraturi min-naħa l-oħra ma jistax, skond il-liġi għall-finijiet ċivili bejn il-partijiet ħlief jiġi kkalifikat fl-interezza tiegħu bħala att ta' bejgħ (art. 1568(2) Kodiċi Ċivili). Huwa minnu li l-vendituri ttrasferew lill-kompraturi s-subutili dominju perpetwu u benefikati ta' garages bl-arja tiegħu u kumditajiet oħra, hemm imsemmija bil-

prezz dikjarat ta' elf, disgħa mija u ħamsin lira (£1950). Dan il-fatt ġuridiku kien jikkostitwixxi l-ewwel rapport bejn il-kontendenti bollabbili "ad valorem" skond l-art. 57(1) tal-liġi fuq imsemmija. Il-kompraturi bħala prestazzjoni tal-prezz oltri n-numerata peċunia ta' elf lira (£1000) mħallsa fuq l-att, għall-bilanċ ta' disgħa mija u ħamsin (£950) assenjaw u ttrasferew (ċioe biegħu) ż-żewġ karrozzi hemm imsemmija bi prezz speċifikat u espress u kwindi ġew ikkreaw rapport ġjuridiku ieħor indipendenti għall-intrinsika natura tiegħu minn dak li kien ir-rapport prinċipali u li miegħu dina t-tieni assegnazzjoni ma kienetx intrinsikament necessarjament marbuta anki jekk fl-intenzzjoni tal-kontendenti kellha tifforma parti mill-prestazzjoni tal-prezz pattruit għar-rapport ġjuridiku prinċipali konvenut. Dan it-tieni trasferiment hu kopert wkoll bit-taxxa tal-boll skond l-imsemmi art. 57(3) tal-Kap. 68 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi kwindi anki dina l-assegnazzjoni għanda tiġi bollata. Skond il-liġi peress li kien hemm determinazzjoni ta' prezz dwara, u dina d-disposizzjoni assegnativa b'dak il-prezz stipulat ma tistax qatt tiftihem li intrinsikament kienet neċessarjament kommessa għall-indoli naturali tagħha mar-rapport ġjuridiku prinċipali tal-att in kwistjoni (ara Tassazione Roma 20 Maggio 1876 Fisco Batti, Bollettino di Giurisprudenza Amministrativa e Giudiziaria (Madon) fejn ġie deċis "Che la stipulazione del prezzo e condizione essenziale per far sorgere i due contratti"). Dana apparti l-fatt li juri kemm dika l-asegnazzjoni kienet distinta u separata mir-rapport gjuridiku prinċipali ta' l-att "de quo" tant li l-istess assegnazzjoni setgħat ifformat parti ta' att (instrumenturu) separat u bħala tali kienet tiġi mbollata għall-att "ad valorem" u dina l-Qorti ma tarax kif ma għandux dak l-istess rapport ġuridiku li sar f'kuntratt wieħed ma' ieħor ċioe f'uniċita ta' att

l-għaliex appuntu sar hekk għandu jiġi eżentat mill-bolleġġ volut mil-liġi.

Għal dawna raġunijiet.

Tiċħad l-appell interpost mir-rikorrent kontra s-sentenza msemmija tal-Qorti Kolleġjali u tikkonfermaha bl-ispejjez għan-nutar appellanti.